**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 439/16 AL

**AB**
**Vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetta :

1) Illi huwa zzewweg lil intimata C Zerafa, detentrici tal-identita` numru 478878M fit-tlettax (13) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), u dan kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';
2) Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt li kien gie ippubblikat min-Nutar Dottor Joseph Debono fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u

hdax (2011), kopja fotostatika qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument. 'B';

3) Illi l-kontendenti partijiet minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal u kienu rrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin;
4) Illi r-rikorrenti iddiskuta mal-konsulent legali tieghu, hawn sottofirmata, il-possibilita` ta' rikonciljazzjoni taz-zwieg odjern u kkonkluda li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;
5) Illi skont kif jindika l-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'B', illum il-gurnata ghaddew aktar minn erbgha (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali tal-kontendenti partijiet;
6) Illi in vista tal-premess jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal hall taz-zwieg u ghad-divorzjonu tal-partijiet

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg tal-partijiet hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jirregistrah skont il-ligi fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Settembru 2016;

Semghet lill-intimata tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Frar 2011 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.